# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAS-27 TA' GUNJU 2019

**Kawza Numru:7**

**Rik. Gur. 313/2019 RGM**

**Joseph Bonello (K.I. Numru 0228859 M)**
**ezercitanti l-kummerc taht l-isem J.B.**
**Concrete Mix**

**vs.**

**Adolf Mangion – (K.I. Numru 0269982 M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors guramentat ta' Joseph Bonello** prezentat fil-25 ta' Marzu, 2019 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:

1. "Illi l-konvenut għandu jħallas lill-attur is-somma ta' tmienja u tletin elf, mija u erbgħa u sittin Ewro u disa' ċenteżmi (€38,164.09), liema somma tirrappreżenta bilanċ dovut mill-konvenut lill-attur għal diversi konsenji ta' konkos, servizzi u *charges* skont kif jirriżulta mill-i*statement* hawn anness u mmarkat bħala Dok. JB1;

2. Illi dan id-dejn huwa ċert, likwidu u dovut u għalkemm interpellat, kemm verbalment kif ukoll permezz ta' ittra legali bid-data tal-11 ta' Jannar 2019 hawn annessa u mmarkata bħala Dok. JB2, il-konvenut baqa' inadempjenti;

3. Illi safejn jaf l-attur, il-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talbiet tal-istess attur u għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi sabiex ir-rikors ġuramentat fl-ismijiet premessi jiġi deċiż bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

4. Illi l-attur jaf il-fatti hawn dikjarati personalment.

Għaldaqstant l-attur, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja w opportuna u għar-raġunijiet premessi, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tilqa' t-talba tal-attur sabiex ir-rikors ġuramentat fl-ismijiet premessi jiġi deċiż bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Tiddikjara lill-konvenut debitur tal-attur fis-somma ta' tmienja u tletin elf, mija u erbgħa u sittin Ewro u disa' ċenteżmi (€38,164.09), liema ammont huwa dejn ċert, likwidu u dovut u jirrappreżenta bilanċ dovut

mill-konvenut debitur lill-attur għal diversi konsenji ta’ konkos, servizzi u *charges*; u

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta’ tmienja u tletin elf, mija u erbgħa u sittin Ewro u disa’ ċenteżmi (€38,164.09).

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra legali tal-11 ta’ Jannar 2019 u bl-imgħaxijiet kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni."

Rat illi l-konvenut nonostante li gie debitament notifikat fit-2 ta' Mejju 2019 ma deherx ghas-seduta tad-29 ta' Mejju 2019.

Semghat it-testimonjanza tal-attur Joseph Bonello waqt l-udjenza tad-29 ta' Mejju 2019.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

L-attur xhed illi huwa kien ilu jissuplixxi lill-konvenut b'konsenji ta' konkos sa mit-13 ta' Novembru 2015 kif jirrizulta mill-prospett ezebit mar-rikors guramentat. L-ahhar konsenja sehhet fl-14 ta' Settembru 2018. Huwa xhed illi l-ammont bilancjali dovut mill-konvenut lill-attur huwa ta' tmienja u tletin elf, mija u erbgħa u sittin Ewro u disa’ ċenteżmi (€38,164.09).

Fin-nuqqas ta' prova kuntrarja it-talbiet attrici jirrizultaw misthoqqa.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut;

1. Tilqa' l-ewwel talba.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara lill-konvenut debitur tal-attur fis-somma ta' tmienja u tletin elf, mija u erbgħa u sittin Ewro u disa' ċenteżmi (€38,164.09), liema ammont huwa dejn ċert, likwidu u dovut u jirrappreżenta bilanċ dovut mill-konvenut lill-attur għal diversi konsenji ta' konkos, servizzi u *charges*.

3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' tmienja u tletin elf, mija u erbgħa u sittin Ewro u disa' ċenteżmi (€38,164.09).

Bl-imghax legali mill-14 ta' Settembru 2018 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra legali tal-11 ta' Jannar 2019, kontra l-konvenut.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**